**Kuntrasti**

Hemm kienu f'idejja
Bħal Pilatu fil-ħaqq,
Hemm fiż-żewġ estremi
Verament tabilħaqq.

Xi stajt nagħmel aktar?
Għajr biss li nħares ċass?
Biex wara l-bawxata
Rajt quddiemi frakass?

Kollox deher jiċċara
Meta dlonk għadda l-ħin,
B'għajta mqanżħa w għolja
Erġajna mal-ħenjin.

Ilma baħar 'l-ħajja
Taf tkun għall-imsejken,
Jew ħelu jkun l-ilma
Għal min jaf il-qrejjen.

Imma x'jiswa fl-aħħar
Meta l-minġel jaqta',
U jaħsad bla ħniena
U l-ħajja tinqata'.

Imma jekk f'did-dinja
Il-ħelu jsir il-morr,
Forsi għalhekk l-ilsien
Ma waqafx milli jġorr?

Ha ngħid li l-ħajja
Hi post għal kull kulur,
Fiha jinstab il-ferħ
Iħokk miegħu d-dulur.

Tippruvax le tifhem
Agħlaq ħalqek, tgħid xejn,
Jekk ma tridx titkellem
Waħdek u jkun għalxejn.

Ngħidlek biss għix fis-sliem
Anki kul żewg pasti,
Ha jħabbat il-baħar
Mal-blat tal-kuntrasti.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen